# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

APRIL 2020 – Ħarġa Nru: 180




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## FILLI 'L BOGĦOD, FILLI FOSTNA!

Dak li f'Diċembru li għadda konna qed insegwu bi stagħġib f'pajjiż imbiegħed, fi ftit xhur laħaq lil xtutna! Il-Coronavirus li konna qed naħsbu li se jibqa' lokalizzat f'pajjiż jew reġjun wieħed, fi ftit ġimgħat laqat lid-dinja kollha!



Ħafna, bir-raġun, huma anzjużi li dan il-flaġell ifittex jgħaddi ma jdumx. Ħafna oħrajn irrabbjati għax il-virus ħarbtilhom ir-rutina tas-soltu u qed iħarsu 'l quddiem biex jerġgħu għan-normal li kienu mdorrijin bih!

**Xejn mhu se jibqa' l-istess**

Tajjeb wieħed jifhem li għadna ma nafux meta dan il-virus se jisparixxi għal kollox minn kull rokna tad-dinja biex nieħdu nifs il-ġewwa. Imma tajjeb nifhmu wkoll li warajh, il-ħajja tagħna mhix se tkun l-istess! Ħafna qed iqabblu s-sitwazzjoni kritika li ninsabu fiha bħalissa mas-sitwazzjoni ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija – aktar minn 75 sena ilu, fejn id-dinja u l-ekonomiji tagħha kellha terġa' tinbena mill-ġdid.

Hawnhekk ta' min isaqsi: Hu tassew li l-Coronovirus ħarbtilna ħajjitna jew l-istil li qed ngħixu, li ħarbat lil ħajja tagħna?! Żgur li f'dawn il-ġimgħat, ilkoll kemm aħna, minħabba l-miżuri li ttieħdu mill-gvernijiet, għamilna r-riflessjonijiet tagħna:

- Minkejja l-kapaċitajiet kbar tiegħu u s-suċċessi li għamel f'kull qasam tal-ħajja, il-bniedem jibqa' dejjem fraġli. Mikrobu insinifikanti kien kapaċi jwaqqaf kull attività umana u jiżra l-biża' u l-mewt f'diversi nħawi tad-dinja;
- Bil-ħin li qattajna d-dar, stajna napprezzaw aktar il-preżenza ta' xulxin u forsi anke saħħaħna r-relazzjonijiet ta' bejnietna – ħaġa li kienet qed issir kważi impossibli bl-impenji li kellna;
- Bit-tnaqqis ta' ajruplani jħufu fuqna, cruiseliners iterrqu l-ibħra u karozzi u nġenji mill-anqas fit-toroq tagħna, l-arja li nirrespiraw ta' kuljum, ħfiefet u ndafet f'temp ta' ftit ġranet;
- Il-biża' ta' reċessjoni dinjija wasslitna biex nonfqu bil-qjies u mmoru għall-essenzjal u nevitaw dak li nistgħu ngħaddu mingħajru;
- Il-fatt li lkoll qegħdin f'keffa waħda qed jgħinna napprezzaw u nibżgħu aktar għal xulxin, u nkunu solidali anke ma' nies ta' pajjiżi oħra.

Dan kollu, u aktar ukoll, irrejalizzajnih fi ftit ġranet. Dak li konna ilna nisimgħu dwaru għal snin sħaħ: in-nuqqas ta' ħin personali u l-mistrieħ; l-artifiċjalità u t-tifrik tar-relazzjonijiet; it-tensjoni u l-ansjetà biex inlaħħqu mal-impenji kollha tagħna;

il-kultura tal-ħala'; il-qerda tal-ambjent; l-abbandun tal-prattika reliġjuża minħabba n-nuqqas ta' ħin; ir-reżistenza għall-ħsieb tal-mewt…f'daqqa waħda sibnihom iħarsu ċassi f'għajnejna!

**Niftħu għajnejna**

Kemm hu importanti li filwaqt li għadna f'nofs din il-pandemija, aktar milli noqgħodu ngħoddu l-ġranet meta din se tgħib, niftħu għajnejna beraħ għall-messaġġi li qed twasslilna kull ġurnata. Fuq kollox, inkunu attenti għas-sinjali li Alla jrid jibgaħtilna permezz tagħha.

Nittamaw li l-mexxejja dinjija kif ukoll aħna, il-popli kollha, nibdlu l-attitudnijiet tagħna mhux biss biex inqajmu l-ekonomiji tagħna fuq saqajhom, li żgur ħadu daqqa 'l isfel, imma li wkoll nibdlu l-istil ta' ħajjitna.

Jekk dan ma nagħmluhx, m'għandna l-ebda garanzija li mhux fil-bogħod wisq, nerġgħu ninħakmu minn burraxka simili.

**Randan u Għid speċjali**

Ir-Randan li ħerġin minnu żgur li ma kienx imħarbat kif uħud sostnew, imma kien *Randan kif suppost ikun*: wieħed riflessiv fejn wieħed jasal għal deċiżjonijiet serji… li wieħed jara x'tip ta' ħajja qed jgħix ħalli jżomm ir-riedni fuqha!

L-Għid li se niċċelebraw mhux Għid bla ħeġġa jew bla gost imma huwa *Għid kif suppost ikun*: wieħed fejn aħna ngħaddu mid-dlam għad-dawl; minn mewt ċerta li konna resqin lejha għal ħajja ġdida li tagħmilna aktar umani: solidali ma' xulxin u b'ħarsitna 'l fuq.

Minkejja s-sitwazzjoni preżenti, nawguralkom għeżież Żabbarin, l-Għid it-Tajjeb!

***Dun Evan***

*Mill-Messaġġ tal-Papa għar-Randan 2020*

## L-GĦID TA' KRISTU MHUX ĠRAJJA TAL-IMGĦODDI…



"L-Għid ta' Kristu mhux ġrajja tal-imgħoddi: bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu huwa dejjem attwali u jagħtina li, bil-fidi naraw u mmissu l-laħam tal-ġisem ta' Kristu f'tant persuni li qed ibatu.

Li nqegħdu l-misteru tal-Għid fil-qalba ta' ħajjitna jfisser li nħennu għall-ġrieħi ta' Kristu msallab preżenti f'tant vittmi innoċenti tal-gwerer, tal-abbużi kontra l-ħajja: mit-tarbija tat-twelid sal-anzjan, tal-bosta xejriet tal-vjolenza, tad-diżastri ambjentali, tat-tqassim inġust tal-ġid tal-art, tat-traffikar tal-bnedmin fix-xejriet kollha tiegħu u tal-għatx sfrenat għall-profitt, li hi għamla ta' idolatrija".

*B'dan il-mod, l-Għid ma jibqax ġrajja li seħħet biss ftit aktar minn elfejn sena ilu, imma li qed ngħixuha ta' kuljum!*

# L-ATTI TAL-APPOSTLI

*Ikun xieraq li nkunu nafu xi ftit dettalji dwar dan il-Ktieb, li minnu se naqraw diversi siltiet matul Żmien il-Għid, jiġifieri minn Ħadd il-Għid sa jum Pentekoste.*

L-Atti huwa l-ħames ktieb tat-Testment il-Ġdid li jirrakkontalna t-twaqqif tal-Knisja u, kif il-messaġġ tal-Bxara t-Tajba nfirex ma' diversi nħawi tal-Imperu Ruman. L-Evanġelju ta' Luqa, kif ukoll l-Atti, huma żewġ kotba li jsegwu lil xulxin u huma datati 80-90 WK.

**Żewġ kotba**

L-Evanġelju ta' Luqa jirrakkontalna kif Alla wettaq il-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja permezz tal-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù ta' Nażaret, il-Messija mwiegħed.

L-Atti jkomplu fejn ħalla l-Evanġelju billi jirrakkontawlna l-firxa tal-Kristjaneżmu fl-ewwel seklu li jibda bl-axxensjoni ta' Ġesù fis-sema. L-ewwel kapitli jiddeskrivu l-jum ta' Pentekoste u l-iżvilupp tal-Knisja fil-belt ta' Ġerusalemm.

**Għaliex għand il-pagani?**

Għall-bidu, il-Lhud, iħarsu b'mod favorevoli għall-messaġġ nisrani, imma aktar tard iduru kontra s-segwaċi ta' Ġesù. Imwarrab mill-Lhud, il-messaġġ nisrani jittieħed għand il-ġentili jew il-pagani taħt il-gwida ta' Pietru. L-aħħar



kapitli jirrakkontaw il-konverżjoni ta' Pawlu, il-missjoni tiegħu fl-Asja Minuri u fil-baħar Egew u fl-aħħar, l-arrest tiegħu f'Ruma fejn jistenna li jiġi proċessat. Dan hu l-punt fejn jintemmu l-Atti.

Kemm l-Evanġelju ta' Luqa kif ukoll l-Atti tal-Appostli jippruvaw jagħtu tweġiba għal problema tejoloġika: kif il-Messija tal-Lhud wasal biex ikollu segwaċi, li fil-parti kbira tagħhom ma kienux Lhud? Ir-risposta li jipprovdu hi: li l-messaġġ nisrani twassal lill-Ġentili propju għax il-Lhud irriġettawh!

*Tajjeb li matul Żmien il-Għid, insibu ħin biex naqraw dan il-ktieb sabih ħalli b'hekk naraw kif il-Knisja, fl-ewwel żminijiet tagħha kibret fi ċrieki konċentriċi: l-ewwel f'Ġerusalemm, imbgħad fil-Palestina, sakemm waslet f'diversi nħawi tal-baċil tal-Mediterran li kienu sajmin għal kollox mill-messaġġ nisrani. Dan juri kif l-ispirtu ta' Kristu rxoxt beda jidħol f'kulturi ġodda, għalkemm b'ħafna tbatija ta' dawk li għamluha ta' missjunarji.*

## NILTAQGĦU NHAR … APRIL 2020

**Ġimgħa 3:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar* u **festa popolari ta' Ommna Marija Addolorata**. Fit-8.30am u fis-6.00pm quddies live-streamed. Fis-6.45pm tingħad il-**Via Matris**.

**PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA**

*Minħabba s-sitwazzjoni preżenti, il-programm se jsir b'dan il-mod, bil-bibien magħluqa:*

**Ħadd 5:** **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.** Fid-9.30am tberik tal-frieġħi tal-palm u ż-żebbuġ u Konċelebrazzjoni bil-qari tal-passjoni skont San Mattew.
**Tnejn 6:** *It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa*. Fis-6.00pm quddiesa b'omelija. Fis-6.45pm, **l-ewwel taħdita** fis-santwarju dwar is-sinifikat taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
**Tlieta 7:** *It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa*. Fis-6.00pm quddiesa b'omelija. Fis-6.45pm **Via Crucis** bi ħsieb fuq kull stazzjon.
**Erbgħa 8**: *L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa*. Fis-6.00pm quddiesa b'omelija. Fis-6.45pm **it-tieni taħdita** fis-santwarju dwar is-sinifikat taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
**Ħamis 9:** **Ħamis ix-Xirka**. Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni *in Coena Domini*. Is-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet tal-Ordinazzjoni tagħhom. Wara l-quddiesa, Trasport tas-SS.mu Sagrament sal-Altar tar-Ripożizzjoni. Fit-8.00pm is-Seba' Viżti u fid-9.00pm Adorazzjoni b'tifkira "tal-lejl li fih Ġesù ingħata għalina" li tintemm bit-Talba ta' Għeluq il-Jum.
**Ġimgħa 10:** **Il-Ġimgħa l-Kbira.** *Jum ta' sawm u astinenza.* Fit-8.30am u fl-10.30am is-Seba' Viżti. Fit-3.30pm Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tas-Sinjur Tagħna: Liturġija tal-Kelma u Adorazzjoni Solenni tas-Salib.
**Sibt 11:** **Sibt il-Għid.** Fit-8.00pm Tberik tan-Nar Ġdid, kant tal-Exultet, Liturġija tal-Kelma (3 lezzjonijiet), Tberik tal-Ilma u l-Ewkaristija.
**Ħadd 12:** **Ħadd il-Għid:** Fid-9.30am Konċelebrazzjoni Solenni tal-Għid il-Kbir. F'12.00pm, il-Q.T. il-Papa jagħti l-messaġġ tiegħu għall-Għid u l-Barka *Urbi et Orbi* bl-Indulġenza Plenarja. Fil-5.30pm quddiesa. (Is-servizzi kollha jkunu live-streamed.)

**Ħadd 19**: **It-Tieni Ħadd tal-Għid jew Ħadd il-Ħniena Divina**. Fid-9.30am u 5.30pm quddies live-streamed
**Sibt 25:** San Mark, Evanġelista – Festa
**Ħadd 26:** **It-Tielet Ħadd tal-Għid.** Fid-9.30am u 5.30pm quddies live-streamed
**Erbgħa 29:** S. Katerina ta' Siena – verġni u duttur tal-Knisja u patruna tal-Ewropa – Festa
**Ħamis 30:** San Piju V, Papa – Tifkira O

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Gerald Bezzina (89), Anthony Attard (67), Carmelo Schembri (64), Tereza Scicluna (77), Godwin Chetcuti (50), Alfred Cauchi (69), Anthony Veneziani (73), Joseph Ellul (87), Alfred Buhagiar (81), Concetta Gulia (95), Carmen Caruana (94), Alfred Bonnici (80), Carmela Zammit (97), Lawrence Spiteri (63), Salvina Schembri (82), Paul Vella (70), Grazio Scerri (63), Josephine Pulis (89), Josephine Zarb (82), Francis Barbara (95), Catherine Buhagiar (86), Carmela Buhagiar (84), Lawrence Cassar (77), Carmela Borg (77), Frances Borg (79), Anthony Muscat (90), Peter Paul Sciberras (78), Grace Formosa (92), Carmela Bonello (81), Carmelo Gerada (69), Alfred Mifsud Bonnici (79), Maria Pace (84), Sr Adelina Gheiti (81), Paul Grech (59).